MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 474/2006

**DATASTREAM LTD.**

**vs**

**INTERNATIONAL CALL MANAGEMENT LTD.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq fil-14 ta' Lulju, 2006, bil-proċedura sommarja speċjali li bih is- soċjeta' rikorrenti talbet li l-kawża tinqata' bid-dispensa tas-smigħ u li, għar-raġunijiet hemm imfissrin, il-kumpannija mħarrka tiġi kundannata tħallasha s-somma ta' Lm12,660.27 in kwantu għas-somma ta' Lm9,185.78 fuq is-servizzi ta' "Reselling of Services"; in kwantu għas-somma ta' Lm2,235.49 fuq is-servizzi ta' "IP Transit and Routing Facilities" u in kwantu għas-somma ta' Lm1,239.00 fuq servizzi ta' "Provision of Fibre";

Rat illi r-rikors ġiet debitament notifikata s-soċjeta' intimata li naqset li tidher għas-smigħ tal-lum minkejja li kienet notifikata kif imiss bil-proċedura tal-affissjoni u l-publikazzjoni u baqgħet kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta' rikorrenti;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirriżulta pruvata.

Fil-kontumaċja tas-soċjeta' intimata tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotti fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata, u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma li għandhom jibdew jgħaddu b'effett mill-15 ta' Mejju, 2006, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------